**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 10 ta' Jannar, 2024**

Numru 20

**Appell Nru. 54/2023**

**Philip Gatt**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Philippe Gatt tat-2 ta' Ottubru 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-14 ta' Settembru 2023 li biha cahad l-appell tal-istess Gatt mir-revoka tal-permess PA7096/17 fuq il-premessa li kien hemm 'error on the face of the record'.

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta ta' Evano Briffa li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell gie ntavolat fil-konfront ta' decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar li fiha gie revokat il-permess PA/07096/17 li jirrigwarda installazzjoni ta' *billboard* imdawwal, b'dan pozizzjonat fir-rampa li taghti minn Triq Dicembru Tlettax ghal Triq it-Tigrija, il-Marsa.

Illi l-appellant jirribatti fuq ir-revoka tal-Awtorita' bis-segwenti zewg (2) aggravji, fejn jindika:
1. Illi d-decizjoni hija manfestament zbaljata u ta' detriment ghall-appellant stante li mhuxbiss gie mcahhad minn 19-il jum sabiex jipprepara dan l-appell izda ukoll gie zvijat u li kieku ma fittiex parir dwar id-drittijiet tieghu jaf kien jitlef il-jedd tieghu li jappella stante li facilment seta haseb li l-ahhar jum biex jappella kien 30 jum mid-data tal-pubblikazzjoni u mhux 30 jum mill-udjenza tat-30 ta' Jannar 2020;
2. Illi minbarra li ma kien hemm ebda zball fl-applikazzjoni tieghu, anke kieku wiehed kellu jaccetta li kien hemm in-nuqqas diskuss mill-Bord tal-Ippjanar, dan certament ma ghandu ebda incidenza fuq il-hrug tal-permess. Jindika li l-Bord iffoka u vvota ghar-revoka billi deherlu li l-applikazzjoni li giet irtirata ma setghetx terga tigi ri-attivata minghajr ma' indika kif dan kellu incidenza materjali fuq ilpermess, b'din ir-raguni ma tirrizulta mill-ebda ligi. Jargumenta li bazi ta' nullita jew azzjoni li hija bazikament analoga ma' nullita bhal ma hija r-revoka ta' permess, ghandha tkun provduta mill-ligi f'mod espress, sabiex wiehed ikun jaf ezattament fejn qieghed u mhux jirriskja li b'decizjoni arbitrarja abbazi ta' kriterji li ma jirrizultaw imkien dak kollu li jkun ghamel jigi ma jiswa xejn. Jargumenta wkoll li anke jekk dan huwa zball, bla dubju wiehed ma jistax ikompli jghid li dan l-izball kien ser iwassal ghal bdil materjali fin-natura jew il-htigijiet tal-applikazzjoni, u fil-fatt l-applikazzjoni giet ri-attivata, u kemm *Transport Malta* u l-Awtorita tal-Artijiet taw il-kunsens taghhom. Jindika wkoll li l-argumenti l-ohra sollevati minn terzi ma setghux iwasslu ghal revoka billi l-Awtorita tal-Artijiet approvat il-process u c-caqliq ta' 7m ma wassal ghall-ebda *"additional constraints"*, b'referenza ssir ghall-argumenti tieghu stess maghmula quddiem il-Bord tal-Ippjanar;

Illi l-Awtorita' baqghet ferma fil-pozizzjoni taghha, u fir-risposta taghha tinkludi s-segwenti argumenti:
●Illi filwaqt li jigi rikonoxxut li hemm differenza bejn id-data tas-smiegh u d-data talpubblikazzjoni, gialadarba l-appell odjern m'huwiex *fuori termine* skont l-Artikolu 80(3) talligi, l-argumenti migjuba fl-ewwel aggravju huwa frivoli u m'ghandhom l-ebda influenza materjali fuq id-decizjoni finali f'dan l-appell;
●Illi f'kaz ta' applikazzjonijiet ghal numru ta' *billboards* f'distanza minn xulxien, l-Awtorita taghti preferenza lill-ewwel appikazzjoni li tircevi, u ghalkemm fil-kaz odjern id-Direttorat tal-Ippjanar applika din il-procedura, dan sar meta l-applikant ghazel li jirtira l-applikazzjoni u jitlob rifuzjoni tal-ispejjez tal-applikazzjoni, b'din sussegwentament giet irtirata skont notifika li ntbghatet lill-partijiet. Ghaldaqstant l-Awtorita ma setghetx taccetta t-talba talapplikant ghal riattivazzjoni tal-applikazzjoni u sottomissjoni ta' *site plan* u pjanta reveduta, u b'hekk il-Bord tal-Ippjanar kien legalment korrett fid-decizjoni tieghu minhabba *'error on the face of the record'*, bid-decizjoni ghal riattivazzjoni tal-applikazzjoni kellha influenza materjali fuq applikazzjonijiet ohra li gew rrifjutati. Finalment, fir-rigward tal-kirja accettata mill-Awtorita tal-Artijiet tindika li risposti minn entitajiet ma' jorbtux lill-Awtorita talIppjanar.

Illi fl-ewwel nota responsiva tal-appellant jigi argumentat ulterjorment:
●Illi l-argument tal-Awtorita fir-rigward tal-ewwel aggravju huwa ironiku u frivolu ghaliex iddecizjoni appellata tikkwota erronejament il-ligi li fuqha hija msejsa d-decizjoni, u kemm kien aktar frivolu l-Bord li annullala l-permess odjern semplicement a bazi ta' argument li ma johrogx mill-ligi jew minn imkien bil-miktub. B'hekk l-argument tal-Awtorita jista jigi sintetizzat fl-asserzjoni li filwaqt li hi taghmel li trid, haddiehor ikun frivolu jekk juza l-istess metru taghha, u jishaq li l-aggravju tieghu ghandu jigi milqugh minhabba li kien hemm zball car fil-kwotazzjoni tad-dispozizzjoni legali applikabbli;
●Illi l-permessi m'humiex tlielaq u din il-*policy* tal-Awtorita ma tohrog mill-ebda ligi, u filwaqt li l-appellant jelenka l-fatti li wasslu ghall-appell odjern, jargumenta li l-Artikolu 80 tal-ligi meta jitkellem dwar zball li ma jkollu *"ebda incidenza materjali fuq il-hrug tal-permess ghallizvilupp b'tali mod illi kieku 1-informazzjoni korretta kienet disponibbli fil-mument taddecizjoni, ir-rizultat ma kienx ikun differenti"* qed jitkellem dwar il-process indipendenti talhrug ta' permess, b'hekk il-materjalita ta' zball fl-ebda mod ma tista tigi stabbilita a bazi ta' fatt li haddiehor ghandu permess li qieghed jikkompeti ma tieghek. Jkompli jargumenta li lmaterjalita ta' zball f'dan il-kuntest ghandha tkun dwar il-permess innifsu u mhux dwar irrelazzjoni tal-permess ma permessi ohrajn;

Illi gew sottomessi affidavits redatti mill-appellant u mill-perit inkarigat li fihom gew elenkati l-fatti li wasslu ghall-approvazzjoni tal-applikazzjoni odjerna u l-installazzjoni tal*billboard* skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-permess. Fir-rigward tat-talba ghal revoka da parti ta' terza persuna, jindika li d-Direttorat, fuq parir legali tal-avukat taghha, ikkonfermat ir-rakkomandazzjoni tar-rapport originali favur l-applikazzjoni, b'dan ma qabilx li l-bidla filpozizzjoni tal-billboard kienet tirrikjedi awtorizzazzjoni mill-gdid ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet stante li l-awtorizazzjoni ta' din l-Awtorita ma kienetx tispecifika punt preciz b'*coordinates*.

Illi fir-risposta finali tal-Awtorita, ghal darb'ohra tindika li l-izball taghha fid-decizjoni tarrevoka ma nehha xejn mid-dritt ta' l-appellant li jintavola dan l-appell, u huwa f'dan ilkuntest li qieghed jinghad li l-allegat zball mhux materjali ghad-decizjoni. Fir-rigward taddecizjoni ta' revoka, taghmel referenza ghal zewg laqghat li saru mill-Bord ta' l-Ippjanr, fejn fl-ewwel laqgha ma' kienx prezenti l-appellant u lanqas rapprezentant tieghu, filwaqt li fittieni laqgha ir-rapprezentant ta' l-appellant ghamel is-sottomissjonijiet tieghu fuq il-kaz qabel ma ttiehdet id-decizjoni finali. Ghaldaqstant tishaq li hija ma taqbel xejn ma largument li ma kienietx indikata r-raguni tar-revoka meta din giet spjegat u diskusa fiz-zewt laqghat imsemmija. Fir-rigward tal-argument li l-appellant kienx jimxi mod iehor kieku kien jaf li r-riattivazzjoni tal-applikazzjoni ser twassal ghal decizjoni ta' revoka, tissottometti li lArtikolu 80 huwa cara meta u f'liema cirkostanzi ghandu jigi revokat permess, bil-kaz odjern jinkwadra perfettament f'dak li jesigi l-istess artikolu ghaliex l-irtirar ta' applikazzjoni tfisser li l-appellant m'ghadux aktar interest fil-process ta' l-applikazzjoni, u b'hekk l-processar ta' din kellhu jieqaf, konsegwentament il-Bord ta' l-Ippjanar kien legalment u proceduralment korrett li kkunsidra l-applikazzjoni bhala mhux aktar valida. Tindika wkoll li l-procedura addottata mill-Awtorita fil-kaz ta' *billboards* hija procedura amministrattiva stabbilita millistess Awtorita' fil-kaz ta' applikazzjoni ta' dan it-tip, bl-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 552, *"fittwettieq tal-funzjonijiet taghha that dan l-Att, l-Awtorita' ghandha tirregola l-procedura taghha stess",* u tishaq li bhala Awtorita trid tara li timxi fuq proceduri li huma ugwali ghallkullhadd.

Illi f'dan l-appell hemm partecipi wkoll terza persuna interessata li kien ghamel it-talba ghal revoka, izda dan ma ghamel l-ebda sottomissjonijiet fil-mori ta' dan l-appell.

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell u tas-sottomissjonijiet li saru mill-Partijiet;

L-Ewwel Aggravju

Dan l-aggravju jirrigwarda n-notifika tad-decizjoni tar-revoka li hija soggett ghall-appell odjern, bl-appellant jargumenta li din hija manfiestament zbaljata stante li minhabba lkontenut ta’ din l-ittra, huwa facilment seta haseb li l-ahhar jum biex jappella kien 30 jum mid-19 ta' Frar 2020 (data tal-pubblikazzjoni) u mhux 30 jum mit-30 ta' Jannar 2020 (data tad-decizjoni). Illi l-imsemmija notifika tad-decizjoni tar-revoka taqra s-segwenti:
*“The Planning Board at its meeting held on 30 January 2020 considered permission PA/07096/17 and invoked Article 80 of the Development Planning Act, 2016.*
*The Authority revoked development permission PA/07096/17 since there was an error on the face of the record.*
*In line with Article 80 (3) you have a right to submit an appeal, against the Authority’s decision, to the Environment and Planning Review Tribunal within 30 days from the publication of this revocation notice.*
**This decision is being published on 19 February 2020**.”

Illi mis-suespost jirrizulta li fin-notifika tal-Awtorita huwa ndikat li skont l-Artikolu 80(3) jezisti dritt ta’ appell quddiem dan it-Tribunal li jista jsir fi zmien 30 gurnata mid-data talpubblikazzjoni li hija id-19 ta' Frar 2020. Illi madankollu, kif gie koncess fir-risposta talAwtorita, il-perjodu ta’ 30 gurnata stipulata fl-Artikolu 80(3) hija mid-data tas-smiegh, u mhux mid-data tal-pubblikazzjoni. Nonostante dan, kif argumentat mill-istess Awtorita, tali zball m’ghandu l-ebda influenza materjali fuq l-ezitu finali tad-decizjoni tar-revoka li filkonfront taghha gie ntavolat l-appell odjern. Lanqas ma’ jirrizulta li hemm kwistjoni bejn ilpartijiet dwar l-ammessibilta tal-appell odjern, bl-Awtorita tikkonferma li dan gie ntavolat fit-terminu stipulat fl-Artikolu 80(3). It-Tribunal, filwaqt li jissollecita lill-Awtorita sabiex tassigura li n-notifiki mahruga minnha jkun korretti, josserva li fil-kaz odjern l-inkorrettezza fin-notifika tal-Awtorita rigwardanti l-perjodu ghal dritt ta’ appell ma’ kellha l-ebda incidenza fuq id-drittijiet tal-appellant sabiex jintavola dan l-appell.
Ghal dawn il-motivi, dan l-aggravju qed jigi michud.

It-Tieni Aggravju
Dan l-aggravju jirrigwarda d-decizjoni mehuda mill-Bord tal-Ippjanar ghar-revoka tal-permess, blappellant jargumenta li ma kien hemm ebda zball fl-applikazzjoni tieghu, u li anke kieku wiehed kellu jaccetta li kien hemm nuqqas, dan certament ma’ ghandu ebda incidenza fuq il-hrug talpermess.

It-Tribunal ha konjizzjoni tal-minuti tal-laqgha mizmuma quddiem il-Bord tal-Ippjanar meta giet mehuda d-decizjoni tar-revoka tal-permess, f’liema laqgha gie diskuss mill-Bord hekk kif segwenti:
*“1804. Perit Ellul noted that once the application was withdrawn it could not have been reactivated. A new application would have had to be submitted. The decision of the reactivation of this application had a bearing on other applications which were refused on the basis of its approval.*
*Perit Robinson stated that there was no refund of fees and thus the application could be reactivated.*
*Mr Martin Saliba noted that the refund procedure is separate from the status of the application. The legislation does not cater for the reactivation of applications which have been withdrawn.”*

Illi mis-suespost jirrizulta li d-diskussjoni tal-Bord kienet iffukata fuq ir-riattivazzjoni talapplikazzjoni wara li din kienet giet irtirata, bil-perit rapprezentant tal-applikant (illum appellant) jargumenta li gialadarba ma kienx hemm rifuzjoni tal-ispejjez, l-applikazzjoni setghet tigi riattivata.

It-Tribunal josserva li fil-kaz odjern ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-applikazzjoni odjerna kienet giet irtirata mill-applikant u sussegwentament riattivata mill-

Awtorita fuq talba talistess appellant, u dan jirrizulta b'mod car mill-inkartament tal-applikazzjoni. Fil-fatt jirrizulta li filfazi inizzjali tal-process tal-applikazzjoni, il-perit inkarigat kien bghat korrispondenza li fiha ndika *"Kindly note that the application has been withdrawn by applicant. Please proceed with refund for Application's fees."*. Din il-korrispodenza giet mibghuta fl-24 t'April 2018, u wara li l-applikazzjoni giet irtirata mill-Awtorita skont notifiki mibghuta lill-konsulenti esterni nhar il-25 t'April 2018, saret talba ghal riattivazzjoni fil-15 ta' Mejju 2018 li kienet giet milqugha mill-Awtorita fit-30 ta' Mejju 2018.

Illi fil-fehma kkunsidrata ta' dan it-Tribunal, riattivazzjoni ta' applikazzjoni ghandha ssir biss f'kaz ta' sospensjoni hekk kif regolat bil-legislazzjoni sussidjarja 552.13, u bhala punt fundamentali ta' principju, ir-riattivazzjoni ta' applikazzjoni li tkun giet irtirata m'ghandiex issir. Dan ghaliex filwaqt li l-ligi tal-ippjanar regolata bil-Kapitolu 552 ma' tindika xejn f'dak li ghandu x'jaqsam ma' kif ghandhom jigi trattati applikazzjonijiet li jkunu gew irtirati, dan il-Kapitolu propju jipprovdi li l-Awtorita ghandha tirregola l-proceduri taghha, b'dan huwa definit fl-Artikolu 7(7) li jesigi *"Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, l-Awtorità għandha tirregola l-proċedura tagħha stess."* Hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li irriattivazzjoni ta' applikazzjoni irtirata hija wahda ferm perikoluza ghaliex tali procedura tista tkun tigwid serju kemm ghal konsulenti esterni u partijiet ohra interessati.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-Awtorita tal-Ippjanar kienet zbaljata meta r-riattivat lapplikazzjoni li kienet giet irtirata, izda kienet korretta meta rrevokat il-permess eventwalment mahrug abbazi ta' dak l-izball taghha fil-procedura addottata. Dan huwa ilpunt fundamentali ghaliex il-permess mahrug gie irtirat, dan ghaliex ir-riattivazzjoni ta' applikazzjoni irtirata hija meqjusa mit-Tribunal bhala *"error on the face of the record"* li huwa elenkata fl-Artikolu 80(1)(c) tal-Kapitolu 552. It-Tribunal hawnhekk josserva li filwaqt li l-appellant jargumenta li revoka ta' permess ghandha tkun provduta mill-ligi b'mod espress, l-Artikolu 80 li jirregola l-procedura ta' revoka u tibdil ta' permessi ghall-izvilupp jelenka b'mod car dawk ic-cirkostanzi li fihom japplikaw id-dispozizzjonijiet ta' dan lartikolu, u ghaldaqstant tali argumentazzjoni tal-appellant hija wahda bla bazi.

It-Tribunal josserva ulterjorment li d-diversi argumenti ohra migjuba mill-appellant filkonfront tad-decizjoni tar-revoka tal-permess huma frivoli fis-sens li dawn jonqsu milli jindirizzaw il-kwistjoni fundamentali, ossia li l-applikazzjoni odjerna kienet giet irtirata fuq talba tal-applikant stess, u fil-mori ta' dan l-appell ma' giet pprovduta l-ebda tip t'evidenza li timmilita favur ir-riattivazzjoni ta' applikazzjonijiet irtirati. B'hekk m'huwiex ta' relevanza largument li r-riattivazzjoni ma tirrizultax fi bdil materjali tal-applikazzjoni.

It-Tribunal finalment josserva li l-mertu tal-appell odjern huwa r-revoka tal-permess, u mhux lizvilupp propost fl-applikazzjoni odjerna li jirrigwarda installazzjoni ta' *billboard*, u konsegwentament il-mod kif l-Awtorita tikkonsidra tali proposti m'huwiex fil-mertu ta' dan l-appell.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad dan l-aggravju.

Decide:
In vista ta' dak hawn diskuss, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell u jikkonferma ddecizjoni tar-revoka tal-permess PA/07096/17.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Id-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar hi nulla ghaliex filwaqt li ikkwota l-artikolu 80(3) tal-Kap. 552 stipula li appell mid-decizjoni seta' jsir fi zmien tletin jum mill-pubblikazzjoni tad-decizjoni mentri fil-fatt it-terminu kien iqsar ghax l-artikolu 80(3) jghid li l-appell ghandu jsir fi zmien tletin jum mid-decizjoni mhux il-pubblikazzjoni;

2. L-artikolu 80 jghid li zball li jidher minn ezami tad-dokument ifisser zball maghmul mill-Bord tal-Ippjanar hu u jilhaq decizjoni u tali zball jidher mid-dokument, b'dan li ebda revoka ghal din ir-raguni ma ghandha issehh fejn tali cirkostanza ma kellha ebda incidenza materjali fuq il-hrug tal-permess b'tali mod li kieku l-informazzjoni korretta kienet disponibbli fil-mument tad-decizjoni r-rizultat ma kienx ikun differenti. L-appellant jissottometti li anki kieku hemm nuqqas fl-irtirar ta' permess u r-riattivazzjoni tieghu dan ma ghandu ebda incidenza fuq il-hrug tal-permess. Jghid li l-irregolarita li sab il-Bord ma tirrizultax mill-ligi tant li l-istess Kap Ezekuttiv ikkonferma li jekk ir-riattivazzjoni issir fil-konfini tal-istess sit tal-applikazzjoni, ma hemmx bzonn ta' applikazzjoni jew pubblikazzjoni mill-gdid. Kien zbaljat it-Tribunal meta qies li ladarba ghandu s-setgha jirregola l-procedura tieghu seta' jistrieh fuq hekk biex jirrevoka permess fuq il-bazi li ma tistax issir riattivazzjoni ta' permess irtirat. In-nullita trid tohrog espressament mill-ligi minhabba l-konsegwenza ta' tali sanzjoni. Wara l-fehma tal-Kap Ezekuttiv l-appellant kellu pretiza legittima li dak li hemm kien regolari. Ma sar ebda bdil materjali fl-applikazzjoni ghaliex kemm Transport Malta u l-Awtorita tal-Ambjent ma sabu oggezzjoni.

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggravju hu fieragh. Kien ikollu argument l-appellant li kieku b'konsegwenza tad-direzzjoni hazina li inghata mill-Bord tal-Awtorita, prezenta l-appell tieghu tardivament quddiem it-Tribunal. Pero f'dan il-kaz l-appell gie prezentat fiz-zmien utili u ghalhekk ebda hsara jew pregudizzju ma gie kawzat tant li l-appell instema regolarment.

L-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

F'dan il-kaz tqajmet kwistjoni legali cioe jekk wiehed setax jirtira applikazzjoni u mbaghad jitlob li tigi accettata riattivazzjoni ta' applikazzjoni. Lil hinn minn dak li qal

jew seta qal il-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita, wiehed irid jifehm is-sens u l-konsegwenza guridika li tinholoq minn irtirar ta’ applikazzjoni. L-appellant ma jiggustifikax din il-kwistjoni f’termini legali. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-appellant ghalaq bieb li kellu access minnu, b’mod definittiv, meta ghazel volontarjament li jirtira applikazzjoni. It-tifsira hi semplici cioe dak li talab bl-applikazzjoni kien qed jitregga lura b’mod definittiv u bla kundizzjoni. L-appellant ma talabx sospensjoni tal-ipprocessar tal-applikazzjoni jew li jittawwal iz-zmien biex iressaq xi provi jew dokumenti biex jiggustifika ahjar it-talba tieghu u dan skont L.S. 552/13. Ghazel b’mod volontarju li jcedi kull talba imressqa quddiem l-Awtorita b’tali mod li f’dan il-kaz partikolari li jitratta tabella ta’ reklamar marbuta b’kundizzjonijiet fost ohrajn ta’ distanza minima bejn wahda u ohra, kien hemm triq hielsa ghal haddiehor li jressaq applikazzjoni fl-istess jew vicin l-istess zona.

La darba tqajmet il-kwistjoni tan-nullita tal-permess minhabba dan l-izball fejn gie permess li issir riattivazzjoni ta’ haga li kienet mejta mhux semplicement wieqfa, kellu jitqies jekk dan hux kaz ta’ revoka ta’ permess. It-triq mehuda mit-Tribunal kienet korretta billi l-applikazzjoni ma setghetx tigi solvuta ghaliex li kieku l-Bord mexa skont dak li hu legalment logiku ma kienx jasal ghal ghoti tal-permess, mhux minhabba s-sustanza tal-applikazzjoni izda minhabba l-irritwalita tal-procedura mehuda.

Ghalkemm l-artikolu 7(7) tal-Kap. 552 jaghti s-setgha lil Awtorita tirregola l-procedura taghha ma jfissirx li ghandha diskrezzjoni bla kejl xieraq ta’ dak li tista’ tirregola u dak li ma tistax. F’dan il-kaz dak li tilef l-effett tieghu quddiem l-Awtorita ma jistax jinghata hajja mill-gdid bl-uzu ta’ diskrezzjoni izda biss bil-fakolta li taghti l-ligi. L-ghazla li joqtol l-applikazzjoni kienet tal-applikant u allura kellu jerfa’ l-konsegwenzi. L-Awtorita ma kellha ebda diskrezzjoni residwa li tqajjem mill-gdid dak li hu mejjet. Tali uzu ta’ diskrezzjoni kif qal it-Tribunal hi perikoluza u tista’ twassal ghal abbuz.

L-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Philippe Gatt u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-14 ta' Settembru 2023, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur